# 8. RESPONSABILTAJIET GODDA.



Dan ma kienx bizzejjed ghaliex kien ser ikun hemm talbiet ohra minn Kristu Gesu'. Meta darba minflok ma talbet bdiet taqra ktieb religjuz, hija semghet vuci interjuri tghidlha li kellha thejji d-dinja ghall-migja finali ta' Kristu (Djarju 429) . Dawn il-kelmiet qanqluha profondament u ghalkemm ippretendiet li ma semghithomx hija fehemithom, imma ghal dak il-mument zammet kollox fil-qalb taghha.

Fil-Festa tal-Pentekoste tas-sena 1935, fid-9 ta' Gunju, filghaxija, meta Swor Fawstina kienet fil-gnien, Gesu' afdalha missjoni ohra. *"Inti u shabek takkwistaw il-hniena tieghi ghalikom u ghad-dinja (Djarju 435)"* Bhal profeti tal-bibbja, hija bdiet telenka d-difetti u l-inkapacita' taghha biex tiskuza ruhha li ma kellhiex il-hila li ttemm dik il-missjoni.

Gesu' ma tax kaz ta' dak li qaltlu u ma cedhiex id-direttiva tieghu, imma nkoraggiha u qalilha: *" Tibzghax; jiena nnifsi npatti ghal dak kollu li hemm nieqes fik. (Djarju 435)*

Ma kienitx certa jekk fehmitx kliem Gesu' korrettament, jekk kellhiex twaqqaf kongregazzjoni gdida, jew li tinforma lill-konfessur taghha u ghalhekk ghal tlett gimghat baqghet siekta. Kien biss waqt diskussjoni mad-direttur taghha spiritwali Fr. Sopoćko li *stqarret li Alla jitlob li jkun hemm kongregazzjoni li xxerred u tipproklama l-Hniena Divina lid-dinja u bit-talb taghha takkwistha lid-dinja. (Djarju 436).*

Waqt din id-diskussjoni rat lil Gesu' li kkonfermalha li dik kienet ir-rieda tieghu filwaqt li qalilha li jixtieq li jkun hemm din il-kongregazzjoni. (Djarju 437). L-insistenza taghha u l-protesti ripeturi taghha kienu ghalxejn. L-ghada waqt il-quddiesa rat lil Gesu' li ghal darb'ohra qalilha li ried li dan ix-xoghol isir u ma jdumx.

F'esperjenza mistika wara t-Tqarbin hija rceviet il-barka ghal dan ix-xoghol mis-Santissima Trinita'. Dan kien kuragg kbir li ghaliha deher li ma kellu jkun hemm xejn ta' tfixkil u internament fir-ruh taghha ghamlet fehema li taghmel ir-rieda ta' Alla ghalkemm ma kienitx taf kemm ser tghaddi minn sofferenzi kbar.

Fil-jum tal-Gimgha tat-13 ta' Settembru tas-sena 1935 Swor Fawstina kellha dehra fic-cella taghha. Anglu tal-Mulej intbaghat minn Alla biex jikkastiga d-dinja. Fehmitha li dan kien sinjal tal-korla ta' Alla u bdiet

titlob lil Anglu biex jieqaf  ghal ftit sabiex id-dinja jkollha cans li taghmel penitenza, imma meta sabet ruhha quddiem il-maesta' tat-Trinita ma issugratx li tirrepeti t-talba taghha. Imma fil-qalb taghha hasset il-qawwa tal-grazzja ta' Gesu' u timplora lil Alla b'dak il-kliem li semghet fil-qalb taghha u li aktar tard sar parti mill-Kurunella tal-Hniena Divina. Imbaghad hija rat li l-Anglu kien inkapaci li jamministra l-kastig ghad-dnubiet tal-bnedmin. L-ghada meta dahlet fil-kappella Gesu' ghallimha kif ghandha tghid din it-talba fuq il-kuruna tar-Ruzarju. *"L-ewwel ma ghandek tghid hija Missierna wahda u Sliema u Qaddisa wahda u imbaghad tirrecita l-Kredu. Imbaghad fuq iz-zibeg tal-Missierna ghandek tghid dawn il-kelmiet: Missier Eern jiena noffrilek il-Gisem u d-Demm, ir-Ruh u d-Divinita ta' Ibnek il-ghaziz, il-Mulej taghna Gesu' Kristu bi tpattija ghad-dnubiet taghna u dawk tad-dinja kollha. Fuq iz-zibeg li fuqhom tinghad is-Sliema ghandek tghid dawn il-kelmiet: F'gieh il-Passjoni harxja tieghu henn ghalina u ghad-dinja kollha. Imbaghad tikkonkludi billi ghal tlett darbiet tghid dawn il-kelmiet: Alla, Qaddis, Alla, Qawwi, Alla Immortali, henn ghalina u gad-dinja kollha.* (Djarju 476)" Din it-talba trabbat il-qilla ta' Alla ghall-bnedmin.

Fid-dehriet li kien imiss Gesu' ghamel weghdiet kbar lil Swor Fawstina ghal min jghid din il-Kurunella.  Wieghed *il-grazzja ta' mewta tajba u trankwilla mhux biss lil min jghid din il-Kurunella, imma ukoll lil dawk li jirrecitaw din it-talba hdejn il-moribondi. Anke l-aktar midneb ostinat u iebes li jitlob din il-Kurunella, imqar darba jircievi l-grazzja mll-Hniena Nfinita Tieghi. (Djarju 687*) Dawn u weghdiet ohra li ghamel Gesu' jigu fis-sehh kemm-il darba din it-talba li huwa rrikomanda isiru b'tama kbira f'Alla u b'imhabba attiva lejn il-proxxmu.

Gesu' fakkar lil Swor Fawstina *li ried li din il-Festa tkun celebrata fl-ewwel Hadd fuq l-Ghid il-Kbir ghaliex hafna erwieh kienu qed jintilfu minkejja t-tbatijiet qliel li sofra. Dak in-nhar kellu jkun il-jum tar-refugju*

*ghal erwieh kollha specjalment il-povri midimba. Kristu qalilha li f'dak il-jum kien ser iferra' ocejan ta' grazzji fuq dawk l-erwieh li jersqu lejh biex isibu kenn mill-fonti tal-Hniena tieghu." Dik ir-ruh li tersaq lejn il-Qrar u t-Tqarbin tircievi mahfra kompleta tad-dnubiet taghha u l-kastigi li jsegwu d-dnub. Ebda ruh ma ghandha tibza' li tersaq lejja, ikunu kemm ikunu kbar dnubietha, anke jekk dawn ikunu daqs l-iskarlett." (Djarju 699).*

*Is-sacerdoti ghandhom jippridkaw il-Hniena ta' Alla ghall-bniedem u jressqu lil qlubhom biex jafdaw Fih, bil-konsegwenza li jixorbu mill-funtana tal-Hniena Divina. L-umanita' ma issib ebda  paci sakemm din ma iddurx lejja u tafda fil-Hniena tieghi." (Djarju 300)*